~~u ma nafx kemm il-artiklu u poeżiji mxerrda mal-gazzetti u l-*magazines* kollha.~~

~~L-iktar li naħdem filgħodu, mis-sitta sal-ghaxra. Ghandi ġnien żghir, immur hemm ghall-frisk, niehu *pad* u l-*fountain-pen* u nikteb u nikteb. Ġejt li ktibt *short story* ta' 10,000 kelma, jew erba' kapitoli ta' ktieb f'ġurnata. Wara l-ghaxra nohroġ, ngħaddi ghand xi hbieb, inhalli xi haġa ghand l-Editur jew ghand il-*publishers*, imbaghad nerġa' ghad-dar, meta ma nkunx mistieden barra, niekol, niehu ghamza, u nerġa' 'l barra, ghat teatru jew it-talkies. Fis-sajf insiefer u niehu l-arja u l-ispirazzjoni ta' l-Italja, tal-Bavarja, Vjenna, il-Lake District u nithallat mal-kittieba tal-kontinent u nlesti xi haġa mibdija jew nahżen ghalli ġej.~~

~~Hekk hi l-hajja tieghi ta' kittieb. Hajja bhall-ohrajn, imma l-hajja li tghodd l-iktar ghalija u li biha jidhirli li ghamilt l-iżjed ġid. Forsi tajt xi ftit gost bl-istejjer tieghi lill-haddiem ghajjien jew lit-tifel imxabba' mill-*algebra* u l-*hydrostatics*. Forsi ferrahtu ghax fissirtlu hwejjeġ li kien jaf bihom iżda le xinhuma. Forsi dawwalt lil xi hadd bil-ftit dawl tieghi. Forsi ma ghamilt xejn minn dan kollu.~~

~~Il-bidu kien dak il-ktieb żghir ta' 60 faċċata, l-ideja kienet tas-Sur Qalbkbira, l-Editur tax-"Xahri" li ghadni nhobbu u nqimu sallum.~~

~~MARĊELL MIZZI.~~

Sahta

(*Novella ta'* Ġiaċinto Tua).

Halef u sehet fil-waqt li kien wieqaf fuq l-ghatba.

U r-rih sefsiflu f'widnejh half u dagha; u x-xita sawtitu w ghannietlu l-mibeghda: u n-nies li ghaddew minn ma' ġenbu, ghalih ma kellhomx hlief żebliħ. Kien miġnun? Seta' jkun, ghaliex mohhu kien nixef ghal kollox. Ġewwa qalbu ma' baqax hlief ilfiq mingħajr tama u ġo ruhu widien ta' mrar.

Gholla driegħu w webbsu biex jishet. Ghajnejh kienu jibru f'w ċċ ahmar bil-qilla. Sama' dahk fahxi li berren ġo mohhu. Kienet riesqa l-mewt. Le, aghar, wisq aghar — kienet il-hajja, iżda l-hajja mghannqa mal-mewt.

Kien mehtieġ illi jimxi w jissokta jimxi ghal dejjem.

Qatt jieqaf ma seta'? Ma hteġlux li jemmen? Ir-rih wieġbu bid-dagha u x-xita weġbitu b'mibeghda li tkexkex. Quddiemu ma' rax hlief id-dlam — dlam lest ghalih biex jibilghu.

Baqa' sejjer jistaham ġo l-ilma wit-tajn. L-ilma taffielu

n-nirien li nixxfu lil demmu u lit-tajn huwa ħabbu — iva, ħabb dak il-ħama magħqud għax kien jaf li sejjer jiksieħ kollu għal dejjem.

Baqa' sejjer, sejjer il quddiem minkejja tiegħu nnifsu. Ma kellux aktar tama imma ħtieġlu joqgħod għall-amar.

Dellijiet ta' mejtin imxew kotrana quddiemu. Dawn ma kinux ħlief l-imgħoddi. Uħux li jkexkxu mħabblin ma' xulxin għajruh bit-twerżiq waqt li mxew kollha warajh. Ħass ruħu mġieġħel li jimxi għax dawn kienu l-ġejjieni. U baqa' sejjer... sejjer, mitluf għax ħtieġlu jobdi.

Sajjetti u beraq ċarrtu d-dalma li waqgħet wara li għebet ix-xemx qalb sħab iswed u fittxew li jodorbu xi ġisem. Kellu t-tama li jiġi mġarraf, tama qawwija fil-mewt għaliex huwa xtaqha wisq. Iżda l-mewt staħbiet fost dawk l-uħux għomja ġerrejja, u b'kefrija iddieħket imlebbta għal urajh.

Staqsa lilu nnifsu l-għaliex ma ħallewhx jissokta jimxi 'l quddiem sakemm ma kienx jiflaħ iżjed, sa l-aħħar tkagħwiġa. Im-nifsijiet sħan u moqżieża tad-dellijiet ħasshom jaħarqu ma' għonqu. Kien jaf li jekk jieqaf, jaħkmuh. Imma huwa ma riedx.

Il-ġejjieni għalih ma kienx ħlief l-imgħoddi u dan kien illum — sigħat illi jwerwru. Għalih ħtieġ li jgħix biss illum għax dan kien ix-xejn u fix-xejn issa huwa sab ruħu. Huwa? Min kien? Ħadd! Ħajja ddisprata, bla ħtieġa!

Bil-kemm felaħ jimxi ftit iehor 'il quddiem.

Ma' dwaru l-uħux faqqgħu daħk illi jtarrax għax kienu laħquh.

Idejn kiesħa bħas-silġ intgħafsu ma' għonqu w idejn jikwu bħan-nar tħabblu ma' xagħru. Xofftejn imżellġin, imdennija u niġġieża bdew jeħlu ma' ġbinu.

Kien il-ġejjieni li laħqu: il-ġejjieni qerriedi tal-mewt li waslet sa' fl-aħħar bħal fidwa.

U stabat minn tulu minxur. Għolla driegħu w webbsu biex jisħet..... u seħet. Seħet il-ħajja bħal ma seħet f'jum iehor lil daru. Iżda s-saħta li ħarġet minn fommu ħabtet u laqtet mal-mewt li feġġet quddiemu u ħatfitu. Hu li kien xtaqha lill-mewt u ried iberikha...

Kien hemm iehor li ħalef u seħet fil-waqt li kien wieqaf fuq l-ġħatba. U r-riħ sefsiflu f'widnejh ħalf u dagħa; u x-xita sawtitu w ġħannietlu l-mibgħeda.....

Din in-novella "Vangelo della Vita" tal-kittieb ta' novelli u dramatist Malti Giacinto Tua nqrat fit-traduzzjoni ta' Inez Soler nhar it-22 ta' April April 1949 f'"Lejla ta' Tifkira" organizzata b'ġieħ dan l-awtur f'jum ġħeluq xahar mill-mewt tiegħu mill-Fergħa Drammatika, Ġħaqda tal-Malti (Università).